**22 ta' Gunju, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can, LL.D.**

Ronald Petrie et.

versus

Sebastiano Ciappara.

**KOLLIŻJONI STRADALI — QTIL TA' TARBIJA TA' GĦAXAR XHUR — DANNI — ART. 1088, 1089 KOD. Ċiv.**

*Fl-artikolu 1088 il-Kodiċi Ċivili jikkontempla erba speċi differenti ta' danni li għandhom jiġu risarċiti, ċioe 1) it-telf attwali li l-att ikun direttament ikkaġuna lid-danneġġat, 2) l-ispejjeż li d-danneġġat jiġi kostrett li jinkorri minħabba l-ħsara; 3) it-telf ta' paga jew qliegħ attwali, u 4) it-telf ta' qliegħ futur minħabba inkapaċita permanenti. F'każ partikulari, dawn l'erba speċji ta' danni jistgħu jirrikorru kollha; inkella tista tirrikorri biss waħda jew whud minnhom. Senjatament m'hemm xejn fil-liġi li jeżiġi illi biex ikun hemm lok għall-indenniż rigward ir-raba speċje ta' danni, hemm bżonn bilfors li tirrikorri wkoll it-tielet speċje.*

*Il-liġi takkorda l-indenniż mhux lid-dipendenti tal-mejjet iżda lill-eredi tiegħu.*

*Għall-kalkolu tal-qliegħ futur, m'hemm ebda regoli fissi jew kriterji assoluti u jeħtieġ illi f'kull każ jitharsu ċ-ċirkustanzi kollha partikulari tiegħu. Iżda l-Qorti mgħandiex tirrifjuta li tagħti kumpens minħabba dawn id-diffikultajiet. Pero minħabba l-element inevitabbli ta' konġettura akbar, l-ammont għandu ikun moderat.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew, illi fit-tlettax (13) ta' Lulju, 1962, il-konvenut (waqt li kien isuq minn Ħal-Luqa karrozza numru 14585) ikkaġuna kolposament il-mewt ta' John Petrie, l-uniku tifel (ta' għax xhur) tal-atturi, li huma għalhekk l-eredi tiegħu. U illi l-konvenut permezz tal-Kumpanija Assikuratriċi tal-karrozza — ammetta r-responsabilita tiegħu għall-inċident u ħallas id-danni materjali, iżda rrifjuta li jħallas id-danni mħabba l-mewt ta' l-imsemmi tifel a termini tal-artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili, talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji — il-konvenut għar-raġunijiet fuq premessi, jiġi kkundannat iħallashom dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala danni għat-telf ta' qliegħ futur tal-imsemmi tifel (li tiegħu huma l-eredi) ta' liema danni huwa responsabbli l-konvenut in delicto. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru, 1962, kontra l-Kumpanjia Assikuratriċi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li ebda somma m'hi dovuta lill-atturi bħala danni peress li d-danni materjali diġa tħallsu u peress li l-atturi, stante li si tratta ta' mewt ta' tarbija, m'humiex intitolati għat-telf ta' qliegħ futuri kontemplati fl-artikoli 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk it-talba attriċi ħaqqha li tiġi miċħuda.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-għaxra (10) ta' Marzu, 1964 li biha t-talba ta' l-atturi ġiet miċħuda iżda l-ispejjeż ma ġewx taxxati bejn il-partijiet ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsuh l-atturi, wara li kkunsidrat:—

Illi kif espressament mitlub fiċ-ċitazzjoni l-atturi qe-

għdin jinvitaw lill-Qorti biex tillikwida favur tagħhom, bħala eredi ta' binhom ta' għaxar xhur, li safa maqtul fl-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, daka l-kumpens li l-Qorti tista tagħti f'każi simili skond l-artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili. Fin-nota tagħhom l-atturi jsemmu bħala kriterju għal dina *l-likwidazzjoni l-"expectation of life"* tat-tifel u l-futur tiegħu normali li raġonevolment, in vista tal-istat ta' saħħtu u fil-kondizzjonijiet tal-familja tiegħu, wieħed jimmaġina li kien ikun aġjat bil-probabilita wkoll li jġemmgħa xi kapital; huma jammettu d-diffikolta tal-likwidazzjoni tal-kumpens pero jissottomettu, kuntrarjament għal dak li qal fin-nota tiegħu l-konvenut li din hi ħaġa possibili; il-konvenut isostni li dan hu mpossibili għaliex jgħid li tonqos kull bażi għall-istess likwidazzjoni billi jonqos kull qliegħ presenti li miegħu l-leġislatur jakkoppja dak il-qliegħ futur, u t-talba hu għall-likwidazzjoni ta' *kumpens li hu likwidabili bħal fil-każi ta' qliegħ* futur.

Illi mis-sottomissjoni riferita ta' l-atturi t-tesi tagħhom tidher bażata fuq l-assunzzjoni li d-dannu hu tat-tifel stess u kwindi daħal fl-assi tiegħu u hekk ġie trasmess lill-atturi, *eredi tiegħu b'mod li dawn m'għandhomx bżonn* 'i jipprovaw li t-telfa tat-tifel tirrappresenta telfa finanzjarja għalihom ukoll fis-sens li naqsitilhom xi ħaġa li minnha kienu qegħdin jibbenfikaw huma wkoll. U anki fuq dana l-punt il-konvenut ma jaqbelx billi hu jsemmi li l-benefiċċju *derivabili se maj* lill-atturi jrid ikun rappresentat minn dak li kienu jibbenefikaw mill-qliegħ tat-tifel jekk u meta jikber, u jgħid li dan hu ugwalment impossibili li jiġi likwidat l-istess u anzi iżjed mill-qliegħ futur għax bħalu jiddependi wkoll mill-konoxxenza tal-qliegħ presenti tat-tifel stess, li qatt ma eżista.

Illi t-tesi attriċi donnha għandha bħala bażi tagħha

r-regola viġenti illum fl-Ingilterra wara l-Law Reform (Miscellaneous Provisions) Act 1934 li tirrikonoxxi fl-eredita tal-mejjet id-drittijiet li dana stess kellu, għalkemm, b'riferenza għall-kumpens dovut minħabba mewt ta' xi ħadd, u dovut lill-eredita tiegħu, illum il-prinċipju ma għandux dak tal-"loss of expectation of life" imma l-"loss of prospective happiness," li pero jibqa dejjem relatat ma telf personali tad-decujus inkwantu jikkonċerni lilu stess.

Illi lokalment ir-regola hi dik stabbilita fl-artikolu 1089 invokat mill-atturi stess, li hu partikolari għalina; dina r-regola, fil-ħsieb tal-Qorti, hija ispirata għall-prinċipji differenti minn dawk viġenti fl-Ingilterra, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-posizzjoni li kienet teżisti qabel u ċioe skond l-artikoli 751 u 752 tal-Ordinanza VII tal-1868, fejn l-eredi ma kienu jissemmew xejn u l-"lucrum cessans" kien regolat differentement mil-lum. Id-dritt ta' dana l-eredi għalhekk irid jiġi stabilit fis-sens ta' l-artikolu speċjali msemmi u għall-bażi ta' dan, applikata għalih ir-regola tal-"eiusdem generis", jidher li d-danni li jistgħu jiġu risarċiti huma dawk li jkollhom fihom ċerta attwalita jew almenu realta biex hekk ikunu tal-istess natura tat-"telf u spejjeż attwali" li jsemmi bħala risarċibili żgur l-istess artikolu; fi kliem ieħor il-Qorti tista tagħtihom xi ħaġa oltre dawna t-telf u spejjeż kemm il-darba bil-mewt tad-decujus, awtur tagħhom. huma jkunu attwalment tilfu jew juru li ser jitilfu xi ħaġa mħabba t-telf derivanti mill-istess mewt, u ċioe mill-fatt li ma jibqgħux jinqalgħu u kwindi jintilfu, il-paga jew qliegħ ieħor li qabel kien idaħħal l-istess mejjet: dan ifisser li jkun hemm ċerta dipendenza ta' l-eredi mill-awtur tagħhom jew aħjar mill-qliegħ li dan kien jagħmel jew raġonevolment kien mistenni li jista jibda jagħmel.

Illi fil-każ presenti ma jirrisultax li jeżistu dawna

c-ċirkostanzi billi fil-mument tad-disgrazzja l-atturi ma kienux jiddependu minn binhom li kien għadu tarbija, u anzi kien dan li kien jiddependi minnhom għall-kollox: dwar il-futur lanqas ma jidher li kienu jridu jiddependu minnu billi l-attur jinsab f'impieg li joffri ċerta garanzija f'dana r-rigward, apparti mill-konsiderazzjoni l-oħra li m'hux it-tfal kollha jkunu f'posizzjoni li jgħinu lill-ġenituri tagħhom u kwindi anki minn dana l-lat, apparti r-rekwisit tal-attwalita almenu prossima u li trid dejjem tiġi provata, it-teżi attriċi ma tistax tiġi kunsidrata provata u kwindi bażata. M'hux inutili wieħed hawn ifakkar li a bażi tar-risarċiment tad-danni rikonoxxut mil-liġi tagħna l-istess danni huma dejjem dawk materjali u li jiġu pruvati, ħlief każi speċjali kontemplati minn liġijiet speċjali (e.g. konkorrenza sleali f'materja kommerċjali, reati ta' stampa. eċċ.)

Rat in-nota ta' l-atturi li biha appellaw minn dik issentenza u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi riformata billi tiġi revokata fejn ċaħdet it-talbiet tagħhom u waħħlithom parti mill-ispejjeż u tiġi konfermata fejn waħħlet parti mill-ispejjeż lill-appellat, u hekk jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Fuq il-fatti ta' din il-kawża m'hemmx kontestazzjoni. John Petrie bin l-appellanti, allura tarbija ta' għaxar xhur,

ġie milqut fit-tlettax (13) ta' Lulju, 1962 minn karrozza misjuqa mill-appellat u maqtul. Ir-responsabbilita għad-disgrazzja ġiet ammessa mill-appellat u l-kwistjoni bejn il-partijiet — jew aħjar, fir-realta, bejn l-appellanti u l-Kumpanija Assiguratriċi ta' l-appellat — kienet biss fuq il-'quantum' tad-danni *li kellhom jitħallsu*. Dawk li kienu spejjeż effettivament inkorsi mill-appellanti minħabba l-aċċident, li laħqu ħamsa u għoxrin lira (£25), ġew rifużi lilhom minn dik il-Kumpanija. Din, pero, iddeklinat li tħallas ebda ammont għat-telf futur peress li deħrilha illi, trattandosi tal-mewt ta' tarbija, l-appellanti ma sofrew ebda telf ta' qliegħ: "Children of a tender age" — kitbet il-Kumpanija — "are a liability and not an asset until they grow up."

L-ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet din id-deduzzjoni magħmula f'isem il-konvenut. Hi rriteniet illi "d-danni li jistgħu jiġu riżarċiti huma dawk li jkollhom fihom ċerta attwalita jew almenu realta biex hekk ikunu ta' l-istess natura tat-telf u spejjeż attwali li jżommi bħala żgur riżarċibbli l-istess artikolu (1089 Kodiċi Ċivili): fi kliem ieħor" — kompliet tgħid dik il-Qorti — lill-eredi tista tingħatalhom xi ħaġa "*oltre dan it-telf u spejjeż kemm il-darba* bil-mewt tad-decujus, awtur tagħhom, huma jkunu attwalment tilfu jew juru li ser jitilfu xi ħaġa mħabba t-telf derivanti mill-istess mewt, u ċioe mill-fatt li ma jibqgħux jinqalgħu u kwindi jintilfu, il-paga jew qliegħ ieħor li qabel kien idaħħal l-istess mejjet: dan ifisser illi jkun hemm ċerta dipendenza ta' l-eredi mill-awtur tagħhom jew aħjar mill-qliegħ li dan kien jagħmel jew raġonevolment kien mistenni li jista jibda jagħmel."

"Fil-każ prezenti" — tissokta tgħid is-sentenza ap-

pellata — "ma jirriżultax li jeżistu dawn iċ-ċirkostanzi billi fil-mument tad-disgrazzja l-atturi ma kienux jiddependu minn binhom li kien għadu tarbija, u anzi kien dan li kien jiddependi minnhom għal kollox: dwar il-futur anqas jidher li kienu jridu jiddependu minnu."

Is-sottolinejar hawn fuq ġie magħmul minn din il-Qorti, biex tirrileva kliem u frażijiet li, aktar il-quddiem jiġu kommentati.

L-artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmi jiddisponi illi —

> "Where in consequence of the act giving rise to damages death ensues, the Court may, in addition to any actual loss and expenses incurred, award to the heirs of the deceased person damages, as in the case of permanent total incapacity, in accordance with the provisions of the last preceding section."

F'dak l-artikolu preċedenti, ċioe art. 1088, jingħad illi d-danni li għandhom jiġu riżarċiti mill-persuna responsabbli għall-ħsara "shall consist in the actual loss which the act shall have directly caused to the injured party, in the expenses which the latter may have been compelled to incure in consequence of the damage, in the loss of actual wages and other earnings, and in the loss of future earnings arising from any permanent incapacity, total or partial, which the act may have caused.

The sum to be awarded in respect of such incapacity shall be assessed by the Court, having regard to the circumstances of the case, and, particularly to the nature and degree of incapacity caused, and the condition of the injured party."

Minn dana jidher illi l-interpretazzjoni ta' l-artikolu

1089 — li hu dak l-aktar direttament rilevanti għall-kwistjoni li qegħda quddiem il-Qorti — tiddependi sa ċertu punt minn dik ta' l-artikolu 1088. Skond dan l-aħħar artikolu, fil-każ ta' nkapaċita permanenti, totali jew parzjali, id-danneġġjat għandu jiġi ndenizzat għat-telf ta' qliegħ futur minħabba dik l-inkapaċita.

L-ewwel Onorabbli Qorti tidher li fehmet illi. biex dan l-indenniz jkun dovut, jinħt'eġ illi t-telf ta' qliegħ futur ikollu fih ċerta attwalita jew almenu realta biex hekk ikun ta' l-istess natura tat-telf u spejjeż attwali. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbelx ma din il-fehma. Hawn ma hemm lok għal ebda interpretazzjoni 'ejusdem generis'. Din ir-regola ta' nterpretazzjoni tirrikkorri meta kelma ġenerali ssegwi kliem ieħor inqas ġenerali ta' l-istess ġeneri. Normalment, fl-astratt, kliem ġenerali. bħal kull kliem ieħor, għandu jirċievi t-tifsir komplet u natura'i tiegħu u l-Qrati mhumiex liberi li jimponu fuqu limitazzjonijiet mhux rikjesti mis-sena, mill-oġġett jew li skop ta' l-istatut. Iżda meta l-kelma ġenerali ssegwi kliem partikolari u speċifiku ta' l-istess natura bħalha, allura hi tieħu t-tifsir tagħha minnhom u titqies li hi ristretta għall-istess "genus" ta' dawk il-kliem. Fi kliem ieħor, dik il-kelma ġenerali għandha tinqara bħala li tikkomprendi biss ħwejjeġ ta' l-istess xorta bħal dawk desinjati bil-kliem partikolari u speċifiku, a meno che, s'intendi, ma jkunx hemm xi ħaġa li turi illi kien intiż sinjifikat aktar estiż (Ara Mixwell "Interpretation of Statutes" 10th Ed. p. 337 et seq).

Dan pero ma għandux x'jaqsam mal-każ prezenti. Fl-artikolu 1088 fuq imsemmi l-Kodiċi jikkontempla erba speċji differenti ta' danni li għandhom jiġu ~~mearċ~~iti, ċioe (1) it-telf attwali li l-att ikun dirrettament ikkaġuna lid-danneġġjat. (2) l-spejjeż li d-danneġġjat jiġi kostrett li jin-

korri minħabba l-ħsara; (3) it-telf ta' paga jew qliegħ attwali; u (4) it-telf ta' qliegħ futur minħabba nkapaċita permanenti. F'każ partikolari, dawn l-ebda speċji ta' danni jistgħu jirrikorru kollha; inkella tista tirrikorri biss waħda jew uħud minnhom. Senjatament m'hemm xejn fil-liġi li jeżiġi illi biex ikun hemm lok għall-indenniz rigward ir-raba speċji ta' danni hemm bżonn bil-fors li tirrikorri wkoll it-tielet speċje.

Skop ta' l-emenda li saret fil-liġi fl-1938, kien appuntu dak li jipprovdi b'mod aktar ġenerali u soddisfaċenti għat-telf ta' qliegħ futur. Qabel, meta l-ħsara ma kienetx tkun ġiet kaġunata dolożament, id-danneġġjat ma kellux dritt jeżiġi bħala riżarċiment ħlief it-telf reali li l-fatt kien ikun ikkaġunalu, l-ispejjeż li kellu jagħmel in konsegwenza tad-danni u, jekk id-danneġġjat kien ikun persuna li taħdem b'salarju jew ħlas ieħor, it-telf ukoll ta' dan il-gwadann. Kien biss fil-każ ta' dannu kaġunat dolożament illi d-danneġġjat, oltre t-telf u l-ispejjeż hawn fuq imsemmija, kellu dritt għal gwadann li l-fatt kien jimpedih li jagħmel fil-futur, skond l-istat tiegħu.

Iżda bl-emenda li saret bl-artikolu 2 ta' l-ordinanza Nru III ta' l-1938 il-liġi ġiet mibdula kif anki issa (salva emenda oħra li saret bl-Ordinanza XXI ta' l-1962 li m'hix rilevanti għall-kwistjoni prezenti).

Għall-issa l-Qorti qegħda tikkunsidra l-ipotesi li d-danni jiġu riklamati mid-danneġġjat in-nifsu, u qegħda tgħid illi jista jingħata l-każ illi jkollu dritt għall-indenniż għall-telf ta' qliegħ futur għak-kawża ta' nkapaċita permanenti għad illi ma jkun hemm lok, fil-każ partikolari għal ebda indenniz għal telf ta' paga jew qliegħ attwali, u talvolta anqas għal telf ieħor materjali jew spejjeż inkorsi. U difatti bosta drabi l-Qrati tagħna akkordaw lid-dan-

*neġġjat kumpens* għat-telf ta' qliegħ futur **nonostante** li *fil-mument li sofra l-ħsara jew qabel, hu ma kienx jaħdem* jew jaqla xejn jew qatt ma kien qala xejn jew ħadem, per eżempju minħabba l-eta żgħira tiegħu.

Suppost, għall-argument, illi t-tarbija in kwistjoni, flok ma ġiet maqtula, ġiet biss korruta b'mod pero li, minħabba l-lesjonijiet *sofferti*, ġiet inkapaċitata għal dejjem *li taħdem, totalment jew parżjalment,* — **żgur**, *fil-fehma* **tal-Qorti, ma kienx ikun jista jiġi miċħud lilha kwalunkwe kumpens għat-telf tal-kapaċita tal-qliegħ futur fuq ir-raġuni illi hi ma sofriet ebda telf ta' qliegħ attwali!** It-telf ta' qliegħ attwali ma hux **kondizzjoni** biex jista jingħata indenniz għat-telf futur: in-nuqqas tiegħu jista jkun biss **waħda** ***miċ-ċirkostanzi*** li, skond l-imsemmi artikolu 1088 (2) *għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni* biex jiġi kkalkolat **l-ammont** ta' dak l-indenniz.

Issa skond l-artikolu 1089 fuq ċitat, meta l-fatt addebitat lill-konvenut ikun ikkaġuna l-mewt, *il-Qorti* tista tagħti lill-**werrieta** tal-mejjet, oltre t-telf jew spejjeż attwali, *jekk ikun hemm, indennizz* **għal fil-każ ta' inkapaċita totali permanenti** skond *l-artikolu 1089.*

**L**-ewwel ħaġa li l-Qorti tixtieq tirrileva għar-rigward ta' din id-disposizzjoni hi illi l-indennizz il-liġi takkordah **mhux** lid-**dipendenti** tal-mejjet iżda lill-**eredi** tiegħu. *Fil*-fehma ta' din il-Qorti mhux korrett u mhux ġustifikat mill-kliem tal-liġi dak *li qalet* l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi biex jista jingħata dan *l-indennizz "jeħtieġ li jkun hemm* **ċerta dipendenza ta' l-eredi mill awtur tagħhom** jew **aħjar mill-qliegħ** li dan kien jagħmel jew **raġonevolment** kien mistenni li jista jibda jagħmel." Ċertament peress illi l-għoti u speċjalment il-**miżura** ta' dan *l-indenniz* hija

mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, in nuqqas jew, konversament il-grad ta' dipendenza ta' l-eredi mill-mejjet jistgħu jkunu ċirkostanzi li jittieħdu f'konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-ammont, imma d-dipendenza **ma hix kondizzjoni** biex dak l-indennizz **jista jingħata.**

Il-Qorti bir-rispett kollu tiddissenti enfatikament minn kull proprożizzjoni ta' l-appellat illi biex l-eredi jkollhom dritt għall-indennizz in kwistjoni **jeħtieġ jiġi pruvat** illi l-mejjet kien jaqla l-flus **fl-imgħoddi** jew li **kien jikkontribwixxi** għas-sussistenza tagħhom. Anqas id-dipendenza futura m'hi, fil-liġi tagħna. kondizzjoni preċedenti u essenzjali għall-għoti ta' dan l-indennizz. .

It-tieni ħaġa li l-Qorti tirrileva hi illi, skond l-imsemmi artikolu 1089, l-indennizz illi l-liġi tissanzzjona li jingħata lill-eredi hu **dak stess** li kien jiġi mogħti lid-danneġġjat kieku, flok miet, ġie permanentement inkapaċitat għal kollox: "The Court may . . award to the heirs . . . damages **as in the case of permanent total incapacity."** Jekk, kieku t-tarbija in kwistjoni ġiet biss korruta u nkapaċitata għal dejjem għax-xogħol, ma kien ikun hemm ebda dubju, fil-fehma tal-Qorti kif intqal fuq, li sata kien ikun hemm lok għal xi ndennizz għat-telf ta' qliegħ futur, hekk ukoll din il-Qorti ma jidhriliex li għandha ssib diffikolta biex tgħid li hi tista takkorda l-istess indennizz lill-appellanti eredi tagħha, una volta li hi mietet.

U l-Qorti tħoss fil-każ preżenti li għandha takkorda xi ndennizz.

Id-diffikolta kbira qegħda, kif anki l-appellanti stess jirrikonoxxu, fil-fissazzjoni tal-'quantum', Jekk dan il-kalkolu hu dejjem diffiċli anki trattandosi ta' persuna ad-

ulta, meta d-dati li fuqhom wieħed jista jibbaża huma relativament magħrufa almenu bi grad akbar ta' probabilita, id-diffikolta hi wisq akbar fil-każ ta' tarbija minħabba l-inċertezzi kollha li l-ħajja setgħat iġġib magħha. Għall-kalkolu tal-qliegħ futur, kif il-Qrati tagħna qalu kemm il-darba, m'hemm ebda regoli fissi jew kriterji assoluti u, kif del resto tgħid il-liġi stess, jeħtieġ illi f'kull każ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tiegħu.

Iżda l-Qorti ma tħossx illi minħabba dawn id-diffikoltajiet għandha tirrifjuta kwalunkwe kumpens. Dak li jidħrilha hu biss illi, minħabba l-element inevitabbli ta' konġettura akbar, l-ammont għandu jkun moderat.

Meħuda konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti hi ta' fehma illi ammont ta' mija u għoxrin lira (£120) ma jkunx inġust jew esaġerat għall-appellat, fil-waqt illi min naħħa l-oħra tirrikonoxxi illi l-ħlas ta' dan l-ammont bl-ebda mod ma jikkompensa (u mhux intiż biex jikkompensa) lill-appellanti għad-dulur u l-piena illi t-telfa ta' binhom, allura uniku, fiċ-ċirkostanzi traġiċi tal-każ indubbjament ikkaġunatilhom.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa t-talba ta' l-appellanti fis-sens li tikkundanna lill-appellat iħallas lilhom is-somma ta' mija u għoxrin lira (£120), bl-ispejjeż kollha ta' prim' istanza u ta' l-appell.